MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1422/1998/1

Kawza fil-lista: 19

**Dr.Ian Micallef**
**Vs**
**Albert Rizzo**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-konvenut kiteb u ccirkola ittra datata 22 ta' Mejju, 1998 (Dok.A) lil diversi persuni, fosthom lill-Head of News ta' diversi stamperiji, f'liema ittra attribwixxa fatti determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-fama ta' l-attur u li jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

U peress illi l-attur bhala l-parti malafamata u offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Art. 28 tal-Ligi Dwar l-Stampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Jghid il-konvenut ghaliex:

1. M'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-ittra stampata datata 22 ta' Mejju, 1998, li taghha l-konvenut huwa l-awtur (Dok. A) hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku; u

2. M'ghandux jigi kkundannat minn dina l-Qorti jhallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-Qorti li ma teccedix hamest elef lira (Lm5000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

i) Illi l-eccipjent bhala Kunsillier tal-Gzira kien fid-dover li jirrapporta kull irregolarita' li ghandha x'taqsam max-xoghol tal-Kunsill Lokali li jifforma parti minnu.

ii) Illi l-attur bhala Sindku tal-Gzira kkommetta zewg irregolaritajiet, kif ser jigi ppruvat, u l-konvenut kien fid-dover li jizvela dak li sar:

"Il-Kunsillieri m'ghandhomx ikollhom xi interess (barra minn ishma pubblici) jew xi kuntratt personali jew ftehim ma' dawk li jissuplixxu lill-Kunsill jew ma' kuntratturi tieghu."

iii) Illi kull ma jikkoncerna l-operat tal-Kunsill Lokali hu ta' interess pubbliku, u l-istampa lokali, fil-funzjoni taghha ta' *watchdog* f'socjeta' demokratika, ghandha dover li tippubblika dan.

iv) Illi in segwitu ghar-rapport li sar mill-eccipjent, id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali hatar Bord ta' inkjesta bis-sahha tar-Regolament 5(2)(c) tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali (Finanzi).

v) Ghalhekk l-eccipjent agixxa skond il-ligi u skond il-Kodici ta' l-Etika (art. 10.2) li jipprovdi:

"Is-Sindki ghandhom jaraw li dan il-Kodici jigi osservat. Is-Sindki, jew xi Kunsillier iehor, ghandhom jirrapurtaw kull ksur ta' dan il-Kodici kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-Ministru responsabbli ghall-Kunsilli Lokali."

vi) Il-fatti juru li s-Sindku, minflok ma astjena fuq il-kwistjoni tal-Beer Festival ta' Farsons minhabba interess pekunjarju, ressaq mozzjoni huwa stess minghajr ma' dan l-*item* kien fuq l-Agenda tal-laqgha. Huwa stess ipprepara abbozz tal-ittra tas-7 ta' Mejju 1998 li l-Kunsill kien qed jaccetta l-offerta ta' Farsons ghall-hlas ta' Lm1,000 ghall-Beer Festival.

vii) Is-somma ta' Lm10,000 li Farsons kienu lesti li jhallsu in konnessjoni mal-Beer Festival mhix invenzjoni, izda tirrizulta minn taghrif moghti pubblikament waqt laqgha mill-Kunsillier ta' Ta' Xbiex John Busuttil.

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenut ghal-hlas tad-danni ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap.248 wara dikjarazzjoni gudizzjarja li huwa gie malafamat b' ittra[1] datata 22 ta' Mejju 1998 li giet miktuba mill-konvenut u ccirkolata lil diversi persuni fosthom lil Head of News ta' diversi stamperiji.

Illi qabel ma jgi nvestit il-meritu tal-kawza huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici:

[1] Fols.6-8

[1] Il-ligi taghna mhijex injara ghal-kuncett ta' interess pubbliku u ghal-fatt li persuni f' karigi pubblici u importanti necessarjament huma esposti ghall-kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verita' tal-fatti f' diversi kazijiet ta' personalitajiet pubblici [Art.12][2] Izda l-istess generu ta' persuni ghandhom l-istess drittijiet ghall-preservazzjoni ta' integrita' u l-fama taghhom daqs haddiehor, u f' certu sens malafama fil-konfront taghhom hija aktar serja, peress li l-operat taghhom huwa dejjem suggett ghall-iskrutinju tal-pubbliku, fuq liema appogg tiddependi l-posizzjoni u l-ezistenza taghhom, u ghalhekk tista' ssir aktar hsara lill-istess persuni hekk suggetti ghall-opinjoni pubblika.[3]

[2] Il-linja medjana fejn proprju d-dritt ta' espressjoni libera teccedi dak li hu ragjonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprju fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq <u>fatti skorretti</u>.[4] Hadd ma ghandu dritt jattribwixxi atti malafamanti lill-persuna, *multo magis* meta din tkun tokkupa kariga pubblika, jekk tali atti ma jkunux veri u ppruvati bhala tali, ghaliex hemm wiehed jidhol fit-territorju tal-malafama u konsegwenti dritt ta' persuna, li tiddefendi r-reputazzjoni taghha, u tigi kumpensata jekk dak li ntqal fuqha ma jkunx jirrifletti l-verita'.[5]

[3] Illi fid-determinazzjoni tal-punt jekk artiklu huwiex libelluz jew le, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mhux biss dak li gie miktub espressament, izda ghandu jigi ezaminat_jekk mill-<u>assiem tal-artiklu</u> johrogx car dak li jkun qed jigi manifestament implikat.[6] <u>Wiehed ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artiklu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran</u>; u f' din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li seta' talvolta kellu f' rasu min kiteb l-artiklu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra l-qarrej.[7]

---

[2] App.Civ.***Onor. Dr.Eddie Fenech Adami et vs Joseph Vella et*** deciza fl-1 ta' Frar 1998.
[3] Prim. Awla [RCP] ***Onor.Dr.Alfred Sant vs Dione Borg*** deciza 30.04.2002
[4] Prim Awla [NA] ***Onor.Charles Buhagiar vs Ray Bugeja*** deciza 19 ta' Jannar 1996
[5] Vide App.Civ. ***Dottor Joseph Troisi vs Reverendu Father Emmanuel Grima et*** noe. Deciza 10 ta' Ottubru 2003
[6] App.Civ. ***Onor.Dr.Joseph Fenech vs Evarist Bartolo noe*** deciza 8 ta' Gunju 1999.
[7] Prim Awla [WH***] Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et*** deciza 28 ta' Novembru 1953.

F’ materja ta’ libell wiehed ghandu jara proprjament dak li l-guristi Inglizi jsejhu *the string of the libel* u kif jifhmu bniedem ragjonevoli ta’ intelligenza normali u li jkollu konoxxenza tac-cirkostanzi korrenti.[8] “But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning.”[9]

“The words complained of must be construed as a whole. It is necessary to take into consideration, not only the actual words used, but the context of the words. Words which are not in themselves defamatory, from the whole context in which they are published convey a defamatory imputation ….. If the libel is contained in a newspaper paragraph, not ony the paragraph, but also the heading must be taken into account.”[10]

Illi fil-meritu jigi osserva li, fil-bidu tal-ittra hemm is-segwenti titolu miktub b’ ittri kbar: “DECIZJONI SKANDALUZA MIS-SINDKU GZIRJAN LI TQANQAL SUSPETTI”. Bazikament l-ittra tikkoncerna decizjoni li ttiehdet mill-Kunsill Lokali tal-Gzirta fil-laqgha tat-8 ta’ Mejju 1998 fil-5.30 pm u, kif jirrizulta mill-minuti,[11] ghaliha attendew is-Sindku Dr.Ian Micallef l-attur, Barbara Buttigieg, Alfred Baldacchino, Victor Rutter u Keith Magro, flimkien mas-Segretarju Mario Darmenia u l-iskrivana Marion Monaco. Il-Kunsillier Albert Rizzo, il-konvent, attenda wara li kienet diga’ bdiet il-laqgha.

Illi fil-kors ta’ din il-laqgha, li kienet mhabbra fil-laqgha precedenti li kienet saret gimghatjen qabel, tqajjmet il-kwistjoni tal-permess ghall-uzu tal-Gnien Kunsill ta’ l-Ewropa [gja Gnien Yacht Marina]. Jirrizulta li, precedentement dan il-gnien kien f’ idejn il-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex, izda wara l-1 ta’ April 1998 dan il-gnien beda jaghmel parti mill-konfini tal-Gzira, u ghalhekk is-

[8] App.Civ. ***Alphonse Farrugia vs Joseph Fava et***. [1997] Vol.LXXX.II.169.
[9] Gatley on Liber and Slander citat fil-kawza App.S.Avukat Dr.Louis Galea ves Frans Ghirxi 19.04.2005
[10] Ibid.
[11] Fol.44 *et seq.*

Segretarju tal-Kunsill Lokali tal-Gzira baghat ittra datata 24 ta' April 1998[12] lis-socjeta' Simonds Farsons Cisk Limited [aktar il-quddiem indikata bhala Farsons] biex jinformahom bit-tibdil fil-konfini, u li minn dik id-data l-gnien gie jaqa' that il-gurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Gzira; u li ghalhekk il-preparamenti ghaz-zamma tal-Beer Festival f' dan il-gnien, issa kellhom isiru b' konsultazzjoni ma' dan il-kunsill lokali, ghalkemm l-ghoti tal-permess finali baqa' f' idejn id-Dipartiment ta' l-Artijiet. In segwitu, saret laqgha bejn Pierre Stafrace, Marketing Manager ma' Farsons, u l-attur flimkien mas-Segretarju tal-Kunsill, Mario Darmenia.

Illi permezz ta' fax mibghuta fis-7 ta' Mejju fil-Kunsill Lokali wasslet minghand Farsons fax <u>indirizzata lill Kunsill Lokali u ghall-attenzjoni ta' Ian Micallef,</u> il-kumpanija ipproponiet li l-Beer Festival isir bl-istess kondizzjonijiet li sar fi tlett snin precedenti meta l-gnien kien f' idejn il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex. Inoltre, kif ghamlet fis-sena precedenti l-kumpanija kienet lesta li thallas kontribuzzjoni ta' Lm1,000 lill-Kunsill sabiex tghin fl-ispiza ghall-manutenzjoni tal-istess gnien.[13]

Kienet proprju r-risposta ghal din l-offerta li giet diskussa u li fuqha ttiehdet decizjoni fil-laqgha tat-8 ta' Mejju 1998 u li minnha jorigina il-kaz in disamina. Mill-provi rrizulta li f' din il-laqgha s-Sindku pprezenta draft ta' ittra risponsiva ghal din l-offerta ghall-konsiderazzjoni tal-membri l-ohra. Dak il-hin il-Kunsillier Albert Rizzo ma kienx ghadu wasal. Ittiehdet decizjoni fis-sens li dak propost mis-Sindku gie approvat unanimament mill-Kunisilliera prezenti.

Meta sussegwentement wasal il-konvenut ghal-laqgha, li kienet ghadha ghaddejja, huwa gab id-diskors fuq il-Beer Festival u sostna li hu kellu "habib" [sic] li kien preparat jghati Lm1,500. F' dan l-istadju l-attur bhala Sindku u Chairperson tal-laqgha spjegalu dak li kien sar u gibdilu l-

---

[12] Fol.54

[13] Vide Ittra 16.12.1997 mibghuta minn Pierre Stafrace lill-Kunsill Lokali ta' Tax-Xbiex, li permezz taghha Farsons baghtet lill-Kunsill cheque ta Lm1,000 "in settlement of the relevant fees for the use of the Yacht Marina Gardens, Ta' Xbiex, for the Farsons Beer Festival 1997." – fol.75

attenzjoni wkoll li abbinata ma' din l-offerta ta' Farsons, kien hemm l-sponsorship da parti ta' l-istess ghall-installar ta' litter bins u tabella li kienet tindika l-gnien bhala li jaqa' fil-konfini tal-Gzira. Jidher li l-konvenut baqa' joggezzjona, izda inutilment peress li d-decizjoni kienet lahqet ittiehdet.

Illi bazikament l-ilmenti tal-konvenut huma s-segwenti: [1] Illi s-suggett tal-Beer Festival ma kienx indikat fuq l-agenda tal-laqgha; [2] illi s-Sindku kellu interess personali li kellu jiddikjarah qabel ma beda jigi diskuss is-suggett. Dan l-interess personali allegat mill-konvenut jemani mill-fatt li missieru l-attur, George Micallef, kien jahdem bhala administration manager mas-socjeta' Wands Limited li hija kumpanija sussidjarja ta' Farsons; [3] illi meta l-gnien kien f' idejn il-Kunsill Lokali ta' Tax-Xbiex, Farsons kienu lesti li jhallsu s-somma ta' Lm10,000 "ghall-Beer Festival"[14] u li ghalhekk bl-operat ta' l-attur il-Kunsill Lokali tal-Gzira kien ser jitlef Lm9,000.

Illi l-Qorti, wara ezami tal-ittra de qua, fit-totalita' taghha hija tal-fehma li l-ilment ta' l-attur huwa gustifikat u li l-ittra hija malafamanti ghax taghti x' tifhem li d-decizjoni mehuda mill-Kunsill Lokali kienet decizjoni tas-Sindku personali u mehuda b' interess personali b' mod li timmina l-integrita' tieghu. Inoltre, l-ittra tikkontjeni fatti li huma inveritieri fis-sinifikat li jghaddu lill-qarrej, jew ghax huma inkompleti jew ghax huma addirittura inveritieri. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] Ma hemmx dubju li t-titolu ta' l-ittra, li jservi sabiex jaghti xejra determinanti ghall-kontenut taghha u jifforma s-substrat tieghu, huwa zbaljat fattwalment, u malafamanti legalment. Fl-ewwel lok mill-provi rrizulta li d-decizjoni <u>ma kienitx tas-Sindku</u> imma decizjoni tal-Kunsill u giet mghoddija unanimament mill-Kunsilliera prezenti fil-laqgha tat-8 ta' Mejju 2005 u li anke il-konvenut kien jaf biha, izda naqas li jattendi ghaliha fil-hin. Huwa kwazi ozjuz li jinghad li l-fatt li s-Sindku ttratta l-materja b' urgenza u pprepara d-draft ta' l-ittra li giet sottomessa u approvata mill-Kunsill, ma jirrendix din id-decizjoni bhala

[14] Fol.194

wahda mehuda mis-Sindku, izda tibqa' decizjoni tal-Kunsill ghax ittiehdet bil-procedura solita tal-votazzjoni. Inoltre giet approvata unanimament.

Fit-tieni lok, il-kliem "SKANDALUZA" u "LI TQANQAL SUSPETT" b' referenza ghal decizjoni li skond il-konvenut ittiehdet mis-Sindku, hija malafamenti fil-konfront tas-Sindku stante li jattribwulu komportament skandaluz li jaghti lok ghal suspetti, u li ghalhekk ipogguh certament f' dawl negattiv. Ghaldaqstant ma hemmx dubju li dan it-titolu, anke per se, jikkostitwixxi malafama fil-konfront tal-konvenut. Dak li jsegwi wara, jinqara mill-qarrej f' dan id-dawl negattiv u l-probabbilita' kbira hija li jigi interpretat b' mod negattiv mill-qarrej ta' intelligenza ordinarja li ghalih l-ittra kienet intiza meta ntbaghtet lill-kapijiet tal-istamperiji indikati fl-att tac-citazzjoni.

[2] Illi l-ilment ta' l-attur ghall-kontenut tat-tielet paragrafu huwa gustifikat, stante li, ghalkemm bhala fatt huwa minnu li l-Kunsillier Edmond Rizzo ma setghax jattendi ghall-laqgha, mhux minnu li dana ma kienx inghata permess mill-Freeport biex jattendi, u wisq anqas li dana kien tort jew kagun ta' l-attur. Il-fatti veri huma, kif konfermati mill-istess Kunsillier fl-affidavit tieghu, li l-attur kien fil-fatt irrangalu sabiex jkun jista' jattendi ghall-laqgha tat-8 ta' Mejju u fil-fatt kien inghata permess mill-Freeport, izda habat li dak in-nhar kien hemm impjegati bis-sick leave, u l-imsemmi Edmond Rizzo hassu li, ghalkemm kellu permess biex jillarga mix-xoghol, ma kienx sewwa li jhalli l-post tax-xoghol sabiex jattendi ghall-laqgha tal-Kunsill meta shabu fuq ix-xoghol kienu bin-nieqes. Ghaldaqstant l-assenza ta' Edmond Rizzo ghal-laqgha in kwistjoni ma kienitx dovuta ghal xi nuqqas da parti ta' l-attur, <u>kif jimplika l-konvenut fl-ittra</u>, izda kienet <u>decizjoni ta' l-istess Edmond Rizzo</u>.

[3] Illi fil-paragrafu numru seba, il-konvenut jghid li fis-7 ta' Mejju 1998 is-Sindku "receva fax <u>personali</u>" minn Pierre Stafrace; u li fid-9 ta' Mejju 1998 huwa cert li s-Sindku "<u>PERSONALI</u>" baghat fax responsiva lill-istess Pierre Stafrace dwar il-kondizzjonijiet, "jigifieri s-Sibt wara nofs

in-nhar meta l-kunsill [l-edifizju] jkun maghluq."[15] F' dan ir-rigward huwa gustifikat l-ilment ta' l-attur li f' dawn il-paragrafi qed jigi attribwit lilu li dana hadem fuq bazi personali u sahansitra dahal l-ufficju tal-kunsill meta dan ikun maghluq. Qarrej ta' intelligenza normali, wkoll wara li jkun predispost bit-titolu ta' l-ittra, certament jibda jissusspetta li l-attur kien qed jagixxi skorrettament b' dan l-agir.

Il-provi mhux kontrastati pero' juru mod iehor. Kif spjegat Marion Monaco, Deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, il-fax tas-7 ta' Mejju 1998 waslet fil-Kunsill Lokali, indirizzata ghall-attenzjoni ta' "Mr.Ian Micallef". Fil-fatt mill-fax jirrizulta car li dina ntbaghtet lil "GZIRA LOCAL COUNCIL" ghall-attenzjoni tas-Sindku. Inoltre, il-kontenut ta' l-ittra kellu jezonera lill-attur minn kull suspett stante li l-kontenut taghha mhu xejn hlief propsota maghmula mis-socjeta' Farsons li kienet tinkludi il-hlas ta' kontribuzzjoni ta' Lm1,000 "<u>to your Council</u> to assist you in the maintenance of the Gardens."[16] Din il-proposta giet diskussa fil-laqgha tat-8 ta' Mejju 1998.

Rigward l-ittra responsiva tad-9 ta' Mejju, jigi osservat li mhux minnu li l-ittra intbaghtet mis-Sindku personalemnt; izda ntbaghet mill-attur <u>qua Sindku</u> di fatti that il-firma tieghu l-attur nizzel il-kariga tieghu ta' "Mayor". Apparti minn dan, l-ittra in kwistjoni nkitbet fuq letter heads tal-Kunsill, u tikkontjeni dak li gie approvat unanimament fil-laqgha tat-8 ta' Mejju 1998. Rigward l-insinwazzjoni emanenti mid-dikjarazzjoni tal-konvenut li din intbaghtet meta l-kunsill kien maghluq, l-istess xhud qalet hekk: "Is-Sindku kien ta' spiss jidhol jahdem is-Sibt u anki il-Hadd, u ghalhekk ma kienitx xi haga straordinarja li baghat din l-ittra hu li fuq kollox kont ittajpjajt jiena l-jum ta' qabel."[17]

[4] Rigward il-kontenut tal-paragrafu ghaxra, jigi osservat li l-laqgha tat-8 ta' Mejju kienet ilha fissata mill-laqgha precedenti himistax il-gurnata qabel u ghalhekk il-Kunsilliera, inkluz il-konvenut, kienu jafu biha min qabel, u

---

[15] Fol.7
[16] Fol.75 – sottolinear ta' din il-Qorti
[17] Fol.43

kien fl-interess taghhom li jattendu ghaliha fil-hin. Ghalhekk mhijiex gustifikata l-insinwazzjoni li saret xi haga wara dahar il-konvenut. Kif jirrizulta mill-minuti tal-laqgha gie deciz hekk "Minhabba l-urgenza ta' certu punti fl-Agenda, c-Chairman iddecieda li l-laqgha tinzamm peress li kienet miftiehma minn hmistax qabel, u kulhadd kien qal li seta' jattendi u kien hemm [quorum]."[18] Dan il-fatt ma giex kontestat, u ghalhekk il-konvenut ma jista' jitfa' t-tort fuq hadd li ma attendhiex ghal-laqgha fil-hin.
Fl-istess paragrafu l-konvenut jghid li l-attur kellu interess pekunjarju peress li missieru George Micallef kien impjegat mas-socjeta' Wands Ltd. u ghalhekk l-attur ma kellux jinvolvi ruhhu fid-diskussjoni dwar il-Beer Festival. F' dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet. Illi, ghalkemm huwa minnu li missier l-attur kien impjegat ma' kumpanija sussidjarja ta' Farsons, izda dan il-fatt ut sic ma jikkostitwix "interess pekunjarju" da parti ta' ibnu l-attur, kif qed jimplika l-konvenut fl-istess ittra. Ma rrizultax li hemm ness bejn id-diskussjonijiet u d-decizjoni dwar il-Beer Festival u l-kariga li kellu missieru. Di fatti kemm Geoge Micallef kif ukoll Pierre Stafrace kkonfermaw bil-gurament li Micallef ma ha ebda sehem f' dawn id-diskussjonijiet u ma giex provat li din id-decizjoni kienet tista' b' xi mod tibbenefika lil missier l-attur, jew kien hemm xi konnessjoni mal-kariga tieghu. Rebus sic stantibus, il-Qorti ma tarax kif jsita' jigi attribwit lill-attur "interess pekunjarju" bazat fuq il-kariga li kellu missieru.

Inoltre, il-fatt ut sic li George Micallef ghandu shares fil-kumpanija Farsons m' ghandux jitqies bhala interess pekunjarju da parti ta' l-attur. Fl-ewwel lok, ghax ma rrizultax kemm ghandu shares. Inoltre, ghalkemm fin-nota tieghu l-konvenut jghid li dan Micallef ghandu "numru sostanzjali" ta' preference shares fil-kumpanija Farsons, ma gab ebda prova in propositu, u l-uniku element ta' prova f' dan ir-rigward hija x-xhieda ta' l-attur stess li jghid li, ghalkemm huwa minnu li missieru ghandu shares fl-imsemmija kumpanija, jirrileva li din hija kumpanija pubblika u allura dan il-fatt ma kienx ta' ostakolu ghalih li jippartecipa fid-diskussjoni u eventwali decizjoni li ttiehdet.

---

[18] Fol.44

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, tohrog cara l-malafama fil-konfront tal-attur li permezz ta’ dan il-paragrafu gie attribwit lilu agir u komportament li jimminaw serjament l-integrita’ tieghu kemm bhala Sindku, kemm professjonalment u kemm bhala bniedem, u li seghtu esponuh ghall-azzjoni kriminali.

[5] Fil-paragrafu numru tnax il-konvenut qal li waqt laqgha tal-kumitat tal-PN fil-Gzira, “is-Sindku nforma lill-kumitat li x-xorb alkoholiku kollu kellu jgibu b’ xejn missieru s-Sur George Micallef.”[19] Dan l-allegat fatt jinsab kontradett mill-provi.

Fl-ahharnett jigi rilevat li fil-paragrafu tlettax il-konvneut sostna li kellu recording li fil-laqgha tal-Kunsill ta’ Tax Xbiex “dawk prezenti lahqu ftehim” ma’ Farsons, “li ghal Beer Festival li jmiss Farsons ser jibda jinfoq Lm10,000 kull sena ghall-ispejjez biex jinzamm il-gnien fi stat tajjeb. B’ hekk b’ dan il-ftehim il-Kunsill Lokali tal-Gzira ser jitlef Lm9,000 fis-sena. Dan kollu lili jqajjimli suspetti …. ”[20] F’ dan ir-rigward jigi rilevat li l-allegazzjoni maghmula mill-konvenut f’ dan il-paragrafu ma ssibx sostenn fil-provi, anzi hija mdghajjfa mill-istess.[21] Ghalhekk dan il-paragrafu, apparti milli jikkontjeni fatti foloz, jimmalafama lill-attur stante li jpoggih f’ dawl ikrah u suspettuz tenut kont ukoll tal-figura ta’ flus imsemmija.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li anke jekk, kif sostnut mill-konvenut, s-suggett tal-Beer Festival, li ma kienx specifat fuq l-agenda, ma kellux jigi diskuss u tittiehed decizjoni dwaru fl-assenza ta’ dan il-kunsillier, dan kellu jadopera mezzi legali biex jikkontesta l-procedura addottata u jagixxi fil-parametri tal-ligi[22]; izda ma kellu ebda dritt li ijccirkola ittra lill-istampa bi skop ta’ pubblikazzjoni, liema ittra jirrizulta li tikkontjeni fatti foloz u nofs veritajiet bl-effett li timmina l-integrita’ u r-reputazzjoni tal-attur.

---

[19] Fol.9
[20] Fol.8
[21] Vide deposizzjoni Pierre Stafrace – fol.165 - 166
[22] Vide Art.10.2 Kodici ta’ l-Etika citat mill-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet

Rigward is-sottomissjoni tal-konvenut li persuni li “jaghzul li jipprezentaw ruhhom ghal kwalunkwe kariga pubblika .. ma jistghux jippretendu li jkollhom gilda fina, ghaliex jafu li l-operat taghhom qieghed that skrutinju”[23] il-Qorti tosserva li, kif fuq espost, huwa minnu li dawn in-nies ghandhom jistennew kritika anke harxa ta’ l-operat taghhom, izda mill-banda l-ohra xorta wahda ghandhom id-dritt ghall-integrita’ u ghar-reputazzjoni taghhom kif ukoll id-dritt li ma jigux malafamati b’ fatti inveritieri li jpogguhgom f’ dell negattiv u li jesponuhom ghad-disprezz tal-pubbliku.

In propositu hija rilevanti l-osservazzjoni mahgmula mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza ***Avukat Dr.Louis Galea vs Franco Ghirxi*** deciza 19 ta’ April 2005 li: “Ghalkemm huwa veru li persuna pubblika ma tgawdi ebda privilegg fir-rigward tal-ligi tal-libell – anzi kif inghad tista’ tigi soggettata ghal kritika aktar harxa milli tista’ tkun accettabbli fil-konfront ta’ persuna mhux pubblika – huwa daqstant veru li r-reputazzjoni ta’ persuna pubblika, jekk tintilef minhabba allegazzjonijiet li jirrizultaw li kienu malafamanti u maghmula bi ksur tal-ligi, difficilment terga’ tigi riakkwistata bil-konsegwenzi kollha li jista’ jkun hemm ghall-karriera pubblika ta’ dik il-persuna.”

In vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha. Fil-komputazzjoni tad-danni, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, ic-cirkostanzi tal-kaz u grad tal-malafama fuq l-attur tenut kont ukoll tal-kariga tieghu.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-ittra surreferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku; u tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur is-somma ta’ tlett mitt lira maltin [Lm300] in linea ta’ danni ghall-malafama bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap.248, bl-imghax mid-data ta’ dan il-gudizzju, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

---

[23] Fol.196

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------